# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2012/31/UE

**tal-25 ta' Ottubru 2012**

**li temenda l-Anness IV għad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-lista ta' speċi ta' ħut suxxettibbli għas-settiċemija emorraġika virali u t-tħassir tal-annotazzjoni għas-sindromu ulċerativ Epiżotiku**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 61(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/88/KE tistipula, *inter alia,* ċerti regoli tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar mard eżotiku u mhux eżotiku u l-ispeċi suxxettibbli għalih, elenkati fil-Parti II tal-Anness IV għal dik id-Direttiva.

(2) Is-sindromu ulċerativ epiżotiku (EUS) huwa inkluż fil-lista ta' mard eżotiku stipulat fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE.

(3) Il-Parti I tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE tistipula l-kriterji għall-elenkar ta' mard eżotiku u mhux eżotiku fil-Parti II ta' dak l-Anness. Skont dawk il-kriterji, il-mard eżotiku għandu jkollu l-potenzjal ta' impatt ekonomiku sinifikanti jekk jiġi introdott fl-Unjoni, jew permezz tat-telf tal-produzzjoni tal-akkwakultura fl-Unjoni jew permezz tar-restrizzjoni tal-potenzjal kummerċjali tal-annimali tal-akkwakultura u tal-prodotti tagħhom. Alternattivament, dawn għandhom ikollhom potenzjal għal impatt ambjentali detrimentali jekk jiġu introdotti fl-Unjoni, għall-popolazzjonijiet tal-ispeċi tal-annimali akkwatiċi salvaġġi, li huma ta' valur tant li ta' min jiġu mħarsa mil-liġi tal-Unjoni jew mid-dispożizzjonijiet internazzjonali.

(4) Fil-15 ta' Settembru 2011, il-Panel tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fuq is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali adotta opinjoni xjentifika dwar is-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku ([2]) (l-opinjoni tal-EFSA). F'dik l-opinjoni, l-EFSA kkonkludiet li l-impatt tas-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku fl-akkwakultura tal-Unjoni jista' jvarja minn l-ebda impatt għal impatt baxx.

(5) Barra minn hekk, l-opinjoni tal-EFSA tiddikjara li huwa probabbli li s-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku ripetutament daħal fl-Unjoni permezz ta' ħut ornamentali importat minn pajjiżi terzi u li tali ħut jista' jkun li ġie rrilaxxat fl-ibħra tal-Unjoni. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, u meta jitqies il-fatt li l-ebda tifqigħa tas-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku ma ġiet irrappurtata fl-Unjoni, ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li s-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku għandu l-potenzjal ta' impatt ambjentali detrimentali.

(6) Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-EFSA u l-evidenza xjentifika disponibbli, is-Sindromu Ulċerativ Epiżotiku ma għadux jissodisfa l-kriterji stipulati fil-Parti I tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE sabiex jiġi elenkat fil-Parti II ta' dak l-Anness.

(7) Huwa għalhekk xieraq li titħassar l-annotazzjoni għas-Sindromu ulċerativ epiżotiku mil-lista ta' mard eżotiku stipulat fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE.

(8) Barra minn hekk, il-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE tinkludi lista ta' speċi meqjusa bħala suxxettibbli għas-Settiċemija emorraġika virali.

(9) Il-barbun taż-żebbuġa (*Paralichthys Olivaceus*) huwa suxxettibbli għall-marda tal-ħut mhux eżotika, is-settiċemija emorraġika virali. F'ċerti reġjuni tal-Asja ġew ikkonfermati tifqigħat kliniċi ta' dik il-marda.

(10) Għalhekk huwa xieraq li l-Barbun taż-żebbuġa (*Paralichthys olivaceus*) jiġi inkluż fil-lista ta' speċi suxxettibbli għas-Settiċemija emorraġika virali stipulata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE.

(11) L-Anness IV mad-Direttiva 2006/88/KE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

([2]) EFSA Journal 2011; 9(10):2387.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2013, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2013.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

4. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Il-Parti II tal-Anness IV mad-Direttiva 2006/88/KE hija mibdula b'dan li ġej:

"PARTI II

**Mard elenkat**

| Mard eżotiku | | |
|---|---|---|
| | Marda | Speċi suxxettibbli |
| Ħut | Nekrosi ematopojetika epiżotika | Trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*), u dott tal-Ewropa ta' Fuq (*Perca fluviatilis*), |
| Molluski | Infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa* | Gajdra Awstraljana tat-tajn (*Ostrea angasi*) u gajdra ċatta Ċilena (*O. chilensis*) |
| | Infezzjoni mill-*Perkinsus marinus* | Gajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) u gajdra tal-Lvant (*C. virginica*) |
| | Infezzjoni bil-*Microcytos mackini* | Gajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) u gajdra ta' Lvant (*C. virginica*), gajdra ċatta tal-Paċifiku (*Ostrea conchaphila*) u gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*) |
| Krustaċji | Is-Sindromu Taura | Gamblu abjad tal-Golf (*Penaeus setiferus*), gamblu ikħal tal-Paċifiku (*P. stylirostris*) u gamblu abjad tal-Paċifiku (*P. vannamei*). |
| | Il-marda Yellowhead | Gamblu kannella tal-Golf (*P. aztecus*), gamblu roża tal-Golf (*P. duorarum*), gamblu kbir Kuruma (*P. japonicus*), gamblu iswed (*P. monodon*), gamblu abjad tal-Golf (*P. setiferus*), gamblu kħal tal-Paċifiku (*P. stylirostris*), gamblu abjad tal-Paċifiku (*P. vannamei*) |

| Mard mhux eżotiku | | |
|---|---|---|
| | Il-mard | Speċi suxxettibbli |
| Ħut | Settiċemija emorraġika virali (VHS) | Aringa (*Clupea* spp.), ħuta bajda (*Coregonus* sp.), lizz (*Esox lucius*), bakkaljaw żgħir (*Gadus aeglefinus*), merluzz tal-Paċifiku (*G. macrocephalus*), merluzz tal-Atlantiku (*G. morhua*), Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus* spp.), trota qawsalla (*O. mykiss*), rockling (*Onos mustelus*), trota tal-baħar (*Salmo trutta*), barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) u sardina (*Sprattussprattus*) u grayling (*Thymallus thymallus*) u barbun taż-żebbuġa (*Paralichthys olivaceus*), |
| | Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN) | Salamun keta (*Oncorhynchus keta*), salamun fiddien (*O. kisutch*), salamun masou (*O. masou*), trota qawsalla jew tal-Amerika tat-Tramuntana (*O. mykiss*), salamun sockeye (*O. nerka*), salamun roża (*O. rhodurus*), salamun chinook (*O. tshawytscha*), u salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) |
| | Il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV) | Il-karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*) |
| | L-anemija infettiva tas-salamun (ISA) | Trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*), u trota tal-baħar (*S. trutta*) |
| Molluski | Infezzjoni bil-*Marteilia refringens* | Gajdra tat-tajn tal-Awstralja (*Ostrea angasi*), gajdra ċatta taċ-Ċili (*O. chilensis*), gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*), gajdra tal-Arġentina (*O. puelchana*), mollusk blu (*Mytilus edulis*) u mollusk Mediterran (*M. galloprovincialis*) |
| | Infezzjoni mill-*Bonamia ostreae* | Gajdra tat-tajn tal-Awstralja (*Ostrea angasi*), gajdra ċatta taċ-Ċili (*O. chilensis*), gajdra ċatta tal-Paċifiku (*Ostrea conchaphila*), gajdra asjatika (*O. denselammellosa*), gajdra ċatta Ewropea (*O. edulis*), gajdra tal-Arġentina (*O. puelchana*) |
| Krustaċji | Marda tal-ponot bojod | Il-krustaċji kollha dekapodi (*ordni Decapoda*)" |